MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2379/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Spiteri abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-**
**Ligi u l-istess Joseph Spiteri [529846(M)]**

**Vs**

**Felice Agrippinio**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm327.50c) rapprezentanti danni wara incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li fir-Risposta l-konvenut sostna li preliminarjament ghandha tingieb prova tas-surroga u li l-incident ma garax tort tal-konvenut izda ta’ l-attur Spiteri.

Il-konvenut ipprezenta Kontro-Talba fejn talab li l-attur jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident u talab mija u tletin lira Maltin (Lm130) f’danni.

Illi fir-Risposta ghall-Kontro-Talba l-attur qal li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Skond ir-rapport tal-pulizija wara l-incident, ix-xufier tal-vettura assigurata mad-ditta attrici qalet li l-vettura taghha kienet qed tigi misjuqa matul Triq Valletta. X’hin avvicinat kantuniera ma’ Triq il-Kanun, rat il-vettura AM 705 FSD iddur b’velocita’ ftit qawwija. Kif rat hekk, applikat il-brejk sabiex tevitaha izda ma rnexxielhiex tieqaf.

Skond l-istess rapport il-konvenut qal li l-vettura tieghu kienet qed tigi misjuqa matul Triq il-Kanun. X’hin avvicina kantuniera ma’ Triq Valletta, dar fuq il-lemin tieghu sabiex jipprocedi lejn il-Marsa. Kif kien qed jaghmel dan, ra l-vettura BAK 836 gejja mill-faccata tieghu u waqaf izda din il-vettura baqghet gejja u laqtitu.

Illi fl-istess rapport hemm *Police Version of Events*: –

“Il-vettura numru AM 705 FSD kienet qed tigi misjuqa matul Triq il-Kanun fid-direzzjoni ta’ Triq Valletta. X’hin waslet fil-kantuniera x-xufier taghha naqas li jieqaf fuq l-i*stop sign* baqa’ hiereg u dar fuq ix-xellug tieghu ghal go Triq Valletta. Dak il-hin insertat kienet ghaddejja l-vettura numru BAK 836. Iz-zewg vetturi applikaw il-brejk sabiex jevitaw lil xulxin izda sfortunatament ma rnexxielhomx u habtu.…”

Illi fix-xhieda taghha Sylvia Spiteri kkonfermat li kienet qieghda ssuq f’Valletta Road u li l-konvenut dar mil-lemin taghha u laqat il-vettura taghha.

Il-konvenutipprezenta Affidavit u xehed. Il-konvenut qal li l-i*stop sign* kien xi mija u hamsin metru 'l boghod minfejn waqaf hu. Il-konvenut jghid li ma jaqbilx ma' l-iskizz u kien mar ghand il-pulizija biex jilmenta dwar dan izda l-pulizija qallu biex ma jindahalx.

Fl-Affidavit il-konvenut qal li qabad il-karreggjata tieghu fi Triq Valletta izda sab li l-vettura BAK 836 kienet fil-karreggjata l-hazina ghaliex kien hemm karozzi pparkjati fuq ix-xellug taghha.

Fabrizio Cutajar ikkonferma li mar mal-konvenut ghand il-pulizija biex jilmenta dwar l-iskizz. Fabrizio Cutajar esebixxa l-iskizz tieghu.

Illi l-konvenut kien se jidhol fi Triq Valletta u ghalhekk kellu l-obbligu li jassigura li seta' jsuq fuq il-*main road* minghajr ma jostakola l-karozzi li diga' kienu fuq il-*main road*. Anki jekk wiehed jaccetta (ghall-grazzja ta' l-argument) li Spiteri kienet *wrong side* xorta kien id-dover tal-konvenut li jara dawk il-vetturi fuq il-*main road* u ma jkomplix isuq sakemm jista' jsuq minghajr ma jostakola l-vetturi fuq il-*main road*.

Illi fil-kawza **Mallia vs Azzopardi - PA 27/2/1990** gie ddikjarat li:

"Fil-kollizjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita' r-responsabbilta' ghad-danni huma l-fatturi relevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda incidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija."

Il-konvenut kellu l-obbligu li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u li jzomm attenzjoni (*proper lookout*) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih (ara **Bonello Vs Abela - PA PS 21/10/2002**).

Ghaldaqstant il-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident.

Illi giet esebita s-*subrogation receipt* u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Id-danni ma gewx ikkontestati. Gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghalhekk dan it-Tribunal jichad ir-Risposta tal-konvenut, jichad il-Kontro-Talba, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm327.50c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 22 t'Ottubru, 2004 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------